**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Daryl Borg]**

**vs**

**Clyde Bonavia**

**Kumpilazzjoni Numru: 406/15**

**Illum, tnejn u ghoxrin (22) ta' April, 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Clyde Bonavia detentur tal-karta tal-identità bin-numru 410684M akkuzat talli:

**Nhar il-21 ta' Lulju 2014 bejn is-saghtejn ta' waranofsinhar u t-tlieta ta' waranofsinhar (14:00Hrs – 15:00Hrs) gewwa l-latrina pubblika, li tinsab vicin Bieb il-Belt Valletta u f'dawn il-Gzejjer:**

1. **Ikkommetta serq ta' gojjellerija tad-deheb isfar liema serq huwa kwalifikat bil-vjolenza u bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma jeccediex l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' Anna Sciberras.**

2. **U kif ukoll talli kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Anna Sciberras hekk kif iccertifikat Dr. Maria Pisani M.D. minn gewwa d-Dipartiment tal-Kura Primarja, Floriana u dan bi ksur tal-artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

3. **Talli kkommetta reat waqt il-perijodu operattiv ta' Probation hekk kif moghtija nhar is-27 ta' Novembru 2012, mill-Magistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D. liema sentenza hija assoluta u ma tistax tinbidel.**

**U aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.**

Rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata hamsa (5) ta' Mejju 2015 fejn biha ta l-kunsens sabiex dawn il-proceduri jigu trattati b'mod sommarju;

Semghet ix-xhieda kollha;

**Ikkunsidrat**

Illi mix-xhieda ta' **PS549 Reuben Pace** hareg illi fid-data tal-allegat reat dahal rapport li kien hemm serqa fuq persuna femminili hdejn Diana Kiosk f'bieb il-Belt fejn il-malvivent lahaq seraq minn ghonqha gizirana. Hija stqarret mal-pulizija li min aggrediha kien Clyde Bonavia fejn hi kienet tigi z-zija ta' hutu. Tghid illi Bonavia kien liebes flokk griz bil-barnuza.

Xehdet l-allegata vittma **Anna Sciberras** fejn stqarret illi waqt li kienet qieghda xoghol fil-latrina tal-Belt gie Clyde Bonavia u ppunta biex jehodilha l-gizirana li kienet liebsa. Hija tghid illi bdiet tissara mieghu u tghajjat. Tghid li kellu kartuna biex jghatti wiccu izda hi tajjrithielu. Tghid illi hu rnexxielu jigbed il-gizirana u minhabba f'hekk kellha xi griehi f'ghonqha u kellha tmur il-Polyclinic (Dok. AS1). Tikkonferma illi l-gizirana kellha valur ta' elf ewro (€1,000).

Semghet ukoll lill-**<u>Ispettur Daryl Borg</u>** fejn ipprezenta zewg sentenzi kontra l-imputat Clyde Bonavia mmarkati bhala Dok. DB1 u DB2.

**Ikkunsidrat**

Illi huwa oramaj risaput illi fi proceduri bhala dawk odjerni trid tingieb dejjem 'il quddiem l-ahjar prova. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Emad Masoud</u>** (QA Krim deciza fis-16 ta' Mejju 2019) gie ritenut is-segwenti:

***"Illi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex tressaq l-ahjar prova u sabiex tipprova l- kaz taghha fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Filwaqt li d-difiza ma ghandha bzonn tipprova xejn.***

***Dwar l-oneru ta' prova, kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supretendent Ian Joseph Abdilla)(Spettur Kevin Borg) vs. Joseph Baldacchino Farah Kirpalani Philip Micallef (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Mejju, 2017 (Numru 809/2005) ghalkemm dwar mertu u imputazzjonijiet differenti minn dawk in kwistjoni:***

*Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill- Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):*

*"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill- Qorti tal- Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il- Pulizija vs. Philip Zammit et u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir- raguni".*

*Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- 5 ta' Dicembru 1997 flismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer, dik il- Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l- Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi ghalkemm dawn il-proceduri twalu inutilment peress li ghal zmien twil l-imputat ma setax jigi intraccjat, din il-Qorti hija rinfaccjata min-naha wahda bil-verzjoni tal-parte civile li identifikat b'mod car u inekwivoku lill-imputat peress li kienet tafu, u min-naha l-ohra nuqqas min-naha tal-prosekuzzjoni li tipprova l-kaz taghha b'mod komplut u ezawrjenti.

Illi kulma gie ppruvat huwa illi saret serqa fil-post u data indikata fl-akkuza liema serqa saret mill-imputat skont it-testimonjanza tal-parte civile liema testimonjanza qatt ma giet imxejjna b'xi mod mid-difiza. Tali serqa saret ukoll bi vjolenza u dan kif gie ccertifikat minn dokument esebit in atti (folio 34) u kkonfermat mit-tabib li harget dak ic-certifikat mediku.

Dak li ma giex ippruvat però hija li s-serqa saret aggravata bil-valur stante illi ma gietx ipprezentata l-ebda prova insostenn ta' dan il-valur. L-anqas ma gew ippruvati l-akkuza numru 3 u l-addebitu tar-recidiva u dan minhabba l-fatt illi anke jekk gew esebiti s-sentenzi relattivi, hadd mir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali ma ttella' sabiex jikkonferma li dawn is-sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula. Ghaldaqstant l-imputat ser jigi misjub hati biss ta' serq semplici aggravat bil-vjolenza.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 261(a), 262(1)(a), 274(d), 284, 285 u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat **Clyde Bonavia** hati biss tal-ewwel (1) (in kwantu serq

semplici bi vjolenza) u t-tieni (2) akkuza kif dedotta kontrih u stante li t-tieni (2) akkuza hija mezz ghal fini tal-ewwel (1) akkuza, tikkundannah ghal piena ta’ tmintax (18)-il xahar prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qeghdin jigu sospizi ghal sentejn (2) filwaqt li tilliberah mill-akkuzi l-ohra fuq nuqqas ta’ provi.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Clyde Bonavia l-ispjegazzjoni preskritta fl-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

-----------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**